**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 3 ta' Ottubru 2019**

**Rikors nru: 216/2019 AGV**

**AB (ID nru: 442861M)**
**Vs**
**CD (ID nru: 551261M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' AB ( ID nru: 442861M), fejn ppermetta u talab is-segwenti;

1. Illi l-partijiet izzewwegu fit- 30 ta' Marzu 1986, liema zwieg gie rregistrat fir-registru Pubbliku ta' Malta, taht in-numru progressiv 312/1986, Vide Dok RM1.
2. Illi minn daz-zwieg huma kellhom tlett ulied, illum maggorenni, E ta' 29 sena, F ta' 27 sena u G ta' 22 sena ahwa B;

3. Illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal aktar minn tnax-il sena permezz ta' kuntratt redatt min-nutar Dr. Rachel Busuttil datat 7 ta' Marzu 2007, vide Dok RM2;
4. Illi fil-kuntratt tas-separazzjoni konsenswali, ,il-partijiet kienu qablu li r-rikorrenti jhallas is-somma ta' LM 40 fil-gimgha ( ekwivalenti ghal 93.17 Ewro) sakemm l-izghar fost it-tfal taghlaq 18-il sena. Huwa ntrabat ukoll li jhallas il-mara LM 5.00 fil-gimgha ( ekwivalenti ghall-11.65 Ewro) bhala manteniment ghaliha. Illi l-manteniment kellu ukoll jizdied annwalment bl-ammont ta' LM 1.00 fil-gimgha. Il-manteniment sa illum il-gurnata gie moghti kif miftiehem u fir-rigward tat-tfal ma ghadux dovut stante li laqhu l-eta' maggorenni.
5. Illi ma hemm ebda prospett ragenevoli, ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra ili ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
6. Illi dal-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundzzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilnent jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti, sabiex;

1. Tippronuznja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. U Tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal dan il-ghan mill-istess Qorti, javza id-direttur tar-Registru Pubbliku, bid-divorzju tal-partijiet biex jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku.

Il-Qorti rat ir-risposta tal-konvenuta Lorenza sive Lorraine Spiteri (551261M):

1. Illi l-partijiet sseparaw permezz ta’ kuntratt datat 7 ta’ Marzu 2007, liema kuntratt gie esebit;
2. Illi prelimarjament, jigi osservat li l-kunjom l-esponenti huwa dak ta’ D u dana peress li kienet irrvertiet ghal kunjom xbubitha skont klawsola numru 24 tal-istess kuntratt;
3. Illi fl-istess kuntratt fi klawzola 7, ir-ragel obbliga ruhu li jhallas lill-mara bhala manteniment ghaliha wehidha is-somma ta’ LM 5.00 ekwivalenti ghall-11.65 Ewro, kull gimgha permezz ta’ standing order f’ kont bankarju f’ isem il-komparenti l-mara, liema somma kellha tizdied kull sena fl-annivesarju tal-kuntratt fil-waqt li tieqaf meta l-minuri jaghlqu l-eta’ ta’ 18-il sena.
4. Illi madankollu, l-imsemmija somma ta’ manteniment waqfet tithallas mir-rikorrenti f’ Awwissu 2018, hekk kif jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi u mmakrati bhala Dok. LS1.
5. Illi ghalhekk jidher li hemm arretrati manteniment ta’ Ewro 640.577
6. Illi kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti ser takkorda t-talba ghal-divorzju ser ikun difficli, sabiex tirkupra l-arretrati manteniment dovuti;
7. Illi ghalhekk l-elementi rikjesti tassativament bl-artikolu 66 B tal-Kodici Civili ma jezistux fil-kaz odjern, u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.

Ghaldaqstant, it-talba ghall-hall taz-zwieg bejn il-partijiet kif dedotta mill-attur fir-rikors m’ ghandhiex tintlaqa’ u dan ossija ghar-ragunijiet ta’ fatt u dritt.

Il-Qorti rat l-affidavit ta’ AB pprezentat fid-9 ta’ Settembru 2019.

Rat il-verbal tas-seduta ta' llum, fejn l-intimata ddikjarat li qed tirtira l-eccezzjonijiet taghha, u li ghalhekk ma kellhiex oggezzjoni ghall-ghoti tad-divorzju bejn il-partijiet.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**